

# Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2016

## PROGRAMM TAL-AVVENIMENTI

9-13 ta' Novembru 2016
MCC, Valletta



**Dan il-programm ta' attivitajiet abbinat mal-edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2016 ġie mfassal bħala gwida ta' informazzjoni kif ukoll bħala invit miftuħ għall-pubbliku b'mod ġenerali.**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħadem biex jassigura li l-Festival iservi ta' esperjenza memorabbli għall-viżitaturi kollha ta' kull eta. Il-programm kulturali huwa tassew varjat u jinkludi għadd ta' konferenzi interessanti, ħafna attivitajiet għaż-żgħar u l-adolexxenti, laqgħat ma' awturi Maltin u barranin kif ukoll serata ddedikata għall-poeżija.

Nittamaw li x-xogħol li mar fit-tfassil ta' dan il-Festival u l-programm jaqdi l-iskop li jinkoraġġixxi lill-pubbliku jinvesti aktar ħin u jsib aktar pjaċir fil-passatemp tal-qari.

Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2016

Illustrazzjoni u disinn ta' **Julinu (Julian Mallia)**

# L-Erbgħa

**19:00 Il-KNK jippreżenta 'Literature and Totalitarianism – A Conference'**
Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb jiftaħ bil-konferenza tant mistennija dwar il-Letteratura u t-Totalitarjaniżmu. Għadd ta' mistiedna speċjali, fosthom Basma Abdel Aziz, Patrick McGuinness, Alek Popov u Immanuel Mifsud, ser jieħdu sehem f'taħditiet ma' Jurgen Balzan (ġurnalist) fuq it-tema ta' kif il-letteratura tipikament tirrispondi għall-impatt politiku ta' sistemi ta' gvern li jfittxu li jifgħu l-espressjoni tal-individwu f'kull qasam soċjali. B'mod partikolari meta din l-oppressjoni tieħu l-forma ta' attakk fuq il-lingwa nnifisha. **Sala Temi Zammit.**

**19:00 80 Festa u 'l fuq minn 170 Pubblikazzjoni**
Deer Publications jippreżentaw analiżi tal-pubblikazzjonijiet li joħorġu kull sena mill-parroċċi u l-każini Maltin. Naraw kif żviluppaw minn sempliċi fuljetti żgħar għall-kotba voluminużi, b'livelli ta' produzzjoni u kontenut li jvarja, iżda li ġieli jilħaq livelli għoljin ħafna. It-taħdita għandha l-għan ukoll li tissuġġerixxi x'titjib jista' jsir biex dawn il-kotba jagħmlu kontribut iktar siewi fil-qasam tal-kitba bil-Malti. It-taħdita għandha ukoll l-għan li tagħti kredtu xieraq lill-edituri u l-kittieba voluntiera li jikkontribwixxu f'dawn il-pubblikazzjonijiet interessanti. **Activity Area.**

**19:00 Preżentazzjoni tal-Ktieb**
*Vita quotidiana nella Sicilia greca* ta' Carlo Morrone (Morrone Editore). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

**19:30 Konverżazzjoni ma'...**
Ignazio Vecchio (Professur tan-Neuroloġija fl-Università ta' Catania u l-awtur ta' *Medicina e Magia*. **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

**20:30 KOTBACALLEJA 'et cetera' – Taħdita 1**
'*Desperoflora*: studju...' mill-kelma miktuba għal istallazzjoni tal-karti għal vidjow għal ktieb. Preżentazzjoni mill-perspettiva tal-poeta Caldon Mercieca. **Activity Area.**

**20:30 Konverżazzjoni ma'...**
Konverżazzjoni ma' Ignazio Vecchio (Professur tan-Neuroloġija fl-Università ta' Catania), Cristina Tornali (Fiżjatra) u Alfio Antonio Grasso (Professur tan-Neuroloġija fl-Università ta' Catania): *Il medico chiamato a decidere sulla fine della vita. Problematiche bioetiche e cliniche.* **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

# Il-Ħamis

**18:00 Film**
*L'ultimo principe puparo* ta' Morrone Editore. Introduzzjoni minn Corrado Di Pietro. **Activity Area.**

**19:00 Il-KNK jippreżenta lil Patrick McGuinness**
Patrick McGuinness, poeta, akkademiku u kittieb ser jitħaddet ma Dr. James Corby (Kap tad-Dipartiment tal-Ingliż, Fakulta tal-Arti, Università ta' Malta) dwar il-ġrajjiet kemm storiċi kif ukoll personali li wassluh biex jikteb *The Last Hundred Days*, l-ewwel rumanz tiegħu, kif ukoll fuq ħafna temi oħra. **Sala Temi Zammit.**

**19:00 Preżentazzjoni tal-Ktieb**
*Origini occulte dell'Illuminismo* by Davide C. Crimi (Edizione Carthago). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

**19:30 Tnedija ta' Bosta Rumanzi Horizons**
Horizons jistiednukom għat-tnedija ta' numru ta' rumanzi ġodda. Mhux ta' min jitlifha! **Activity Area.**

**19:30 KOTBACALLEJA '...et cetera' – DEMO**
Bejn struttura u kontenut. Il-bini ta' ktieb t'artist. Dimostrazzjoni u diskussjoni mal-pubbliku. **Kappella Perellos.**

**20:00 Il-KNK jippreżenta lil Basma Abdel Aziz**
Basma Abdel Aziz, awtriċi tar-rumanz *The Queue*, ser titkellem ma' Walid Nabhan (awtur) dwar l-ambjent politiku u soċjali li ħalliet warajha ir-revoluzzjoni magħrufa lilna bħala r-Rebbiegħa Għarbija u li fih trabba moviment letterarju ġdid ta' kittieba mill-Lvant Nofsani li jfittxu razzjonalizzazzjoni tad-dwejjaq u tat-taħwid li jaraw madwarhom fil-forma letterarja tar-rumanz distopjan. **Sala Temi Zammit.**

**20:30 Preżentazzjoni tal-Ktieb**
*Di tonni e tonnare in Sicilia e Malta* ta' Gaetano Malandrino (Morrone Editore). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

# Il-Ġimgħa



**17:30 Konferenza "La battaglia di Gallipoli: il riscatto – Dalla guerra di Crimea alla prima guerra mondiale"**
Kelliema: E.T. Reha Keskintepe (Ambaxxatur tat-Turkija f'Malta), Kaptan Hasan Kiplapinar (Koordinatur tad-Difiża f'Malta), Zeynep Esin Selvi (Direttriċi tal-Uffiċju tal-Informazzjoni u Kultura tal-Ambaxxata tat-Turkija f'Ruma), Domenico Romeo (Konslu Onorarju Ġenerali tat-Turkija fi Sqallija), Salvatore Schirmo (Direttur tal-Istituto Italiano di Cultura, Malta), Sevin Aktas (Direttriċi tal-Istituto di Cultura "Yunuz Emre" Ruma), Giacomo Lo Bue di Lemos (Avukat, Palermo), Silvio Aliffi (Avukat, Siracusa) u Clara Salpietro Damiano (Ġurnalista). Lingwa: Taljan. **Temi Zammit Hall.**

**17:30 – 19:30 Iltaqa' mal-Awtur**
Iffirmar ta' kotba minn diversi awturi ta' kotba għat-tfal fosthom Sandra Hili Vassallo u Clare Azzopardi. **Stand tal-Merlin Publishers.**

**17:45 – 18:30 Imeldina u l-Imbarazz**
Imeldina tħalli l-kamra tagħha mimlija imbarazz. Inti kif tħalli l-kamra tiegħek? Imbagħad Imeldina ġietha idea... tgħid tgħodd għalik ukoll? Attività mmexxija minn Sandra Hili Vassallo. Etajiet 3-6. **Stand tal-Merlin Publishers.**

**18:00 *Bejn Ħaltejn* mal-Akkademja tal-Malti**
Esperjenza unika għall-istudenti li qed iħejju għall-eżami tal-Malti li fiha se jiltaqgħu wiċċ imb wiċċ ma' wħud mill-awturi u jifhmu aħjar dak li qed jistudjaw permezz ta' intervisti, filmati u preżentazzjonijiet. **Activity Area.**

**18:00 Konverżazzjoni ma'...**
Corrado Di Pietro, awtur ta' *La terra sopra Scibini.* **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

**18:30 Xalata ta' Kitba**
L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu ser torganizza Attività ta' Kitba għall-Familji għal tfal minn 7 snin 'l fuq u l-ġenituri/kustodji tagħhom. Din l-attività ta' sagħtejn ser tagħti lill-familji ideja ta' x'jinvolvi l-proċess tal-kitba. Waqt l-attività, t-tfal u l-ġenituri/kustodji ser ikunu jistgħu jesprimu l-kreattività tagħhom u flimkien joħolqu storja jew poeżija oriġinali. **Malta Libraries Stand.**

**18:45 – 19:30 Attività Ktieb bl-Istampi**
Attività mmexxija minn Clare Azzopardi, Etajiet 6-9. **Stand tal-Merlin Publishers.**

**19:00 Ċelebrazzjoni ta' Poeżija Horizons**
Horizons tiċċelebra l-poeżija b'mod partikolari dik ta' Mario Azzopardi, Fr Charlo Camilleri, Achille Mizzi, Joe P. Saliba, Andrew Sciberras, Jesmond Sharples u Tarcizio Zarb. **Sala Temi Zammit.**

**19:00 Preżentazzjoni tal-Ktieb**
*La battaglia di Gallipoli: il riscatto – Dalla guerra di Crimea alla prima guerra mondiale* ta' Domenico Romeo, Fabio L. Grassi, Giacomo Lo Bue di Lemos u Silvio Aliffi (Morrone Editore). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

**19:30 KOTBACALLEJA 'et cetera' – Work-in-progress**
L-arti tal-inċiżjoni. Preżentazzjoni ma' Jesmond Vassallo (inċiżatur). Taħdita u preżentazzjoni ta' xogħol li qed jaħdem fuqu. **Kappella Perellos**.

**19:30 Konkors tal-Poeżija Mons. Amante Bountempo**
Il-frott ta' ħidma mill-qrib bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Għaqda Poeti Maltin, f'din is-serata se jinqraw għadd ta' poeżiji u jitħabbru ir-rebbieħa tal-*Konkors tal-Poeżija Mons. Amante Bountempo 2016.* **Activity Area.**

**19:45 Preżentazzjoni tal-Ktieb**
*L'ultimo fiore che ho in me* ta' Alexandre Zappalà (Edizioni EPSIL). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

**20:30 Ċelebrazzjoni: Maria Grech Ganado**
Attività ddedikata lir-rebbieħa tal-*Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Letteratura* bħala parti mill-*Premju Nazzjonali tal-Ktieb* tas-sena li għaddiet, il-poetessa Maria Grech Ganado. Membri tal-pubbliku se jkollhom l- l-opportunita' jiltaqgħu mal-poetessa u jisimgħu il-poeziji tagħha waqt li jinqraw minn qarrejja professjonali. Il-Profs. Charles Calleja se jkun qed jmexxi d-diskussjoni. **Sala Temi Zammit.**

**20:30 Preżentazzjoni tal-Ktieb**
*La casa nel cuore* by Betty Scaglione Cimò (Aulino Editore). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

**Ġurnata iffirmar mall-awturi:** Dr William Zammit jiffirma l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu *Kissing the Gallows;* Rita Saliba tiffirma *Il-Kulur tal-Lellux* (rebbieħ fil-*Konkors ta' Kitba Letteratura għaż-Żgħażagħ 2015*) u Dr Joseph F. Grima jiffirma l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu *The Fleet of the Knights of Malta - Its Organization during the Eighteenth Century*. **Stand ta' BDL Books.**

# Is-Sibt



### 9:00 – 18:00 Books and Literacy: Yesterday, Today, Tomorrow – Konferenza Internazzjonali

Din il-konferenza ser tesplora il-relazzjoni tradizzjonali bejn il-ktieb u l-litteriżmu fil-kuntest tal-iżvilupp tal-pubblikazzjoni matul iż-żminijiet. Hija mmirata lejn pubblikaturi, librara, edukaturi, akkademiċi u kull min iħoss ġibda qawwija għall-kotba u l-għarfien. Il-konferenza ser tesplora dawn il-mistoqsijiet sabiex tgħaqqad flimkien ideat ta' rappreżentanti minn Malta, mir-Renju Unit, u mill-Awstralja. Il-konferenza ser tittella' bl-Ingliż u qed tiġi organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, id-Dipartiment tal-Bibljotekonomija, l- Arkivistika u x-Xjenzi ta' l-Għarfien fl-Università ta' Malta u l-Għaqda Bibljotekarji (MaLIA). **Sala Temi Zammi.**

### 9:00 Attivitajiet ta' tpinġija inspirati mill-Karattri Faraxa

Id-dinja maġika ta' *L-Avventuri ta' Sammy* se tieħu l-ħajja f'għajnejn it-tfal preżenti bir-rakkonti tal-avventuri ta' Sammy is-saħħar. Ir-rebbieħa jieħdu magħhom diversi *vouchers* ta' kotba. L-awturi ta' ħafna mill-kotba tat-tfal għall-bejgħ se jkunu preżenti fuq l-istand matul l-attivitajiet li semmejna. Dawn jinkludu lil Calvin Cassar, Kirstin Spiteri, Naila Turner, Corrine Zahra, Lydia McKay McIntyre u Toni Aquilina, li lkoll huma awturi ta' pubblikazzjonijiet ġodda. **Stand tal-Faraxa Publishing.**

### 09:45 – 10:30 *Inħobbok!*

Żewġ naħat ta' mħabba waħda: L-imħabba ta' omm lejn uliedha, u dik tal-ulied lejn l-omm. Trid tikteb dedika ta' mħabba int ukoll? Attività mmexxija minn Leanne Ellul. Etajiet 3-6. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 10:00 Aqra Miegħi/*Read with Me*

Sessjoni ta' siegħa qari għall-gost bl-Ingliż, mill-programm 'Aqra Miegħi/*Read with Me*,' organizzata mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Il-qari jkun jinkludi kant ta' taqbiliet u għanjiet f'ambjent ferrieħi għal tfal ta' taħt it-tliet snin u l-ġenituri/kustodji tagħhom. **Stand tal-Malta Libraries.**

### 10:00 – 12:00 Iltaqa' mal-Awtur

Iffirmar ta' kotba minn diversi awturi ta' kotba għat-tfal fosthom Audrey Friggieri, Leanne Ellul, Trevor Żahra, Roberta Bajada, Noel Tanti u Matt Stroud. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 10:30 Workshop: Kif il-*Comics* jgħinu lill-Kittieba

*Graphic Novels Library Malta* (NGO) qed torganizza *workshop* dwar il-kitba ta' stejjer u kif il-*comics* jistgħu jgħinu. Dan il-*workshop* huwa immirat għal dawk kollha li jixtiequ jibdew jiktbu u tulu ser niddiskutu kif il-*comics* jinspiraw u jinfurmaw il-proċess narrattiv. L-awtur ta' *Prima Facie* u s-serje 'Victor Gallo', Mark Camilleri, se jkun qed jispjega kif il-comics kienu fattur t'inspirazzjoni importanti għall-kitba u t-teknika tiegħu. Julia Pollacco, poeta żagħżugħa li ppublikat xogħolha f'dawn l-aħħar sentejn, se tkun qed titkellem dwar il-proċess tal-kitba u l-pubblikazzjoni. Il-*workshop* jagħlaq b'taħriġ prattiku li jwassal sabiex il-parteċipanti jużaw dak li tgħallmu b'mod prattiku. **Activity Area.**

### 10:45 – 11:30 Fil-Kamra ta' Jonas

Ejja ltaqa' ma' Jonas u ntilef fi storja sorprendenti u emozzjonanti. Attività mmexxija minn Noel Tanti u Matt Stroud. Etajiet 7-10. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 11:00 Seħer l-Istejjer/The Magic of Stories

Attività ta' qari għall-gost bil-Malti tal-programm 'Seħer l-Istejjer/*The Magic of Stories*' fejn tinqara b'mod divertenti storja bil-Malti lil tfal ta' bejn 4 u 7 snin bil-parteċipazzjoni tal-ġenituri/kustodji tagħhom. Is-sessjoni tħeġġeġ lit-tfal jaqraw għall-gost u lill-ġenituri jaqraw ma' wliedhom. Dan il-programm tħejja mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. **Stand ta' Malta Libraries.**

### 11:45-12:30 Qrempuċu

Wara li qatta' xitwa sħiħa jterter bil-bard u jokrob bil-ġuħ, Qrempuċu issa mġennen biex isib il-belt mibnija kollha kemm hi bil-ġobon. Attività mmexxija minn Trevor Żahra. Etajiet 8-10. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 12:00 Iltaqa' mall-Pubblikatur

Giammanco Aulino - *Nuovi scrittori dalla Sicilia al giallo.* **Activity Area.**

### 13:00 Preżentazzjoni tal-Ktieb

*Zaira* ta' Carola Baudo (Edizioni EPSIL). **Activity Area.**

### 15:30 Preżentazzjoni tal-Ktieb

*Non abbiate paura. C'è vita dopo la vita* ta' Cino Tortorella (Armando Siciliano Editore). **Activity Area.**

### 16:30 – 18:30 Iltaqa' mal-Awtur

Iffirmar ta' kotba minn diversi awturi ta' kotba għat-tfal fosthom Carmel G. Cauchi, Frank Schembri u Antoinette Borg. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 16:45 – 17:30 Lupettin

Lupettin mhu ħadd ħlief Lupu Lupettu, il-lupu l-aktar maħbub mit-tfal, meta kien iżgħar.

Inti bħalu tħobb tiekol biss l-għaġin? Attività mmexxija minn Clare Azzopardi. Etajiet 3-6. **Stand tal-Merlin Publishers**

### 17:00 Taħdita Pubblika
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ser jiddiskuti il-kitba tal-kliem mill-Ingliż fil-Malti. Ħarsa lejn il-konsultazzjoni pubblika, ir-riċerka u l-ħidma li saret fuq is-suġġett mill-Kunsill. Ikun hemm ħin ukoll għall-mistoqsijiet u l-kummenti tal-udjenza. **Activity Area.**

### 17:45 – 18:30 Lupu Lupettu
Il-Lupu l-aktar popolari mat-tfal jirritorna b' erba' avventuri ġodda. U b'aktar sorpriżi... Narawkom! Attività mmexxija minn Clare Azzopardi. Etajiet 4-8. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 18:00 KOTBACALLEJA 'et cetera' – Taħdita/preżentazzjoni
Il-ktieb u l-kelma. X'jagħmel ktieb ktieb? Meta ktieb isir ktieb u meta ma jibqax ktieb? Preżentazzjoni dwar strutturi alternattivi u xogħolijiet ta' diversi artisti li jistaqsu din il-mistoqsija permezz ta' xogħolhom. **Kappella Perellos.**

### 18:30 Preżentazzjoni tal-Ktieb
*La Prima Guerra mondiale – Un'analisi politico sociologica a cento anni dal conflitto* ed. minn Salvatore Santuccio (Morrone Editore). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

### 18:30 – 20:30 Iltaqa' mal-Awtur
Iffirmar ta' kotba minn diversi awturi fosthom Trevor Żahra, Lara Calleja, Clare Azzopardi, Teo Reljic, Joe Pace u Aleks Farrugia. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 18:45 – 19:30 Qrempuċu
Wara li qatta' xitwa sħiħa jterter bil-bard u jokrob bil-ġuħ, Qrempuċu issa mġennen biex isib il-belt mibnija kollha kemm hi bil-ġobon. Attività mmexxija minn Trevor Żahra. Etajiet 8-10. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 19:00 *The NBC presents Alek Popov*
Alek Popov, il-kittieb popolari Bulgaru, magħruf l-iktar għall-parodija politika *Mission: London*, ser jitkellem mal-ġurnalist Teodor Reljic fuq id-diversi temi li jinfurmaw ix-xogħol letterarju tiegħu. Ser jintwerew ukoll siltiet mill-film ta Dimitar Mitovski, msejjes fuq l-istess *Mission:London* u li jġib l-istess isem. **Sala Temi Zammit.**

### 19:00 Tnedija tal-Ktieb *Malta Ħanina*
L-awtur magħruf Daniel Rondeau, ex-ambaxxatur Franċiż u kittieb ta' *Malta Ħanina* flimkien mat-traduttur tal-ktieb bil-Malti Toni Aqulina ser iniedu l-aħħar pubblikazzjoni FARAXA tagħhom. It-traduzzjoni ta' *Malta Ħanina* ġiet iffinanzjata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb permezz tal-Fond Malti tal-Ktieb. **Activity Area.**

### 19:30 Preżentazzjoni tal-Ktieb
*È pur sempre amore* ta' Iano Campisi (Morrone Editore). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

### 20:00 *Il-Kompliċi* - Film Premiere
Ir-rebbieħ tal-*NBS PBS Konkors ta' Films Qosra 2016* huwa Ryan Gatt b'film imsejjes fuq l-istorja *Il-Kompliċi* minn ġabra ta' stejjer qosra ta' Walid Nabhan *lura d-dar u ġrajjiet oħra li ma ġrawx* (Klabb Kotba Maltin, 2009.) L-avveniment huwa miftuħ għall-pubbliku bla ħlas u joffri l-opportunità lil min jattendi sabiex jiltaqa' mad-direttur żagħżugħ, il-kittieb tal-storja u oħrajn f'taħdita dwar l-adattament ta' xogħol letterarju. **Temi Zammit Hall.**

### 20:30 WESTERN – RAKKONTI, DIVERTIMENTI
Tnedija uffiċċjali ta' antoloġija ta' novelli tal-kittieb Alfred Sant minn SKS**. Activity Area.**

### 20:30 Preżentazzjoni tal-Ktieb
*Polipòpio* ta' Emma Margari (Armando Siciliano Editore). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

### 20:30 Meet the Authors
Id-Dar tal-Pubblikazzjoni Faraxa se tkun qed tagħti merħba lill-awtur magħruf Daniel Rondeau, ex-ambaxxatur Franċiż u kittieb ta' *Malta Ħanina* flimkien mat-traduttur tal-ktieb bil-Malti Toni Aqulina, eżatt wara t-tnedija uffiċjali tat-Traduzzjoni fl-Activity Area. L-awtur u t-traduttur se jkun għad-dispożizzjoni ta' kulħadd biex jiffirmaw kopji tal-ktieb. It-traduzzjoni ta' Malta Ħanina ġiet iffinanzjata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb permezz tal-Fond Nazzjonali tal-Ktieb. **Stand tal-Faraxa Publishing.**

**Ġurnata iffirmar mal-awturi:** Dr William Zammit jiffirma l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu *Kissing the Gallows;* Rita Saliba tiffirma *Il-Kulur tal-Lellux* (rebbieħ fil-*Konkors ta' Kitba Letteratura għaż-Żgħażagħ 2015*) u Dr Joseph F. Grima jiffirma l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu *The Fleet of the Knights of Malta - Its Organization during the Eighteenth Century*. **Stand ta' BDL Books.**

**Ġurnata tndejiet:** ma' bosta awturi tal-ktieb *Essays in honour of Joseph Attard* Tabone. **Stand ta' BDL Books.**

# Il-Ħadd



### 9:00 Attivitajiet ta' tpinġija imnebbħa mill-Karattri Faraxa

**Evviva l-Grufflè** - It-tfal se jkunu qed jaqraw mill-istejjer affaxxinanti tal-Grufflè u wara jipparteċipaw f'logħba li tinvolvi l-Grufflè mill-qrib; *Il-logħba tal-monstri: Kulħadd jibża' mill-mostri* - Mostri se jkunu qed jieħdu l-ħajja permezz tat-tfal sabiex ibeżżgħu lil dawk preżenti. L-aktar mostru tal-biża' jirbaħ premju! Rebbieħa jieħdu magħhom diversi vawċers ta' kotba. L-awturi ta' ħafna mill-kotba tat-tfal għall-bejgħ se jkunu preżenti fuq l-istand matul l-attivitajiet li semmejna. Dawn jinkludu lil Calvin Cassar, Kirstin Spiteri, Naila Turner, Corrine Zahra, Lydia McKay McIntyre u Toni Aquilina li lkoll huma awturi ta' pubblikazzjonijiet ġodda. **Stand tal-Faraxa Publishing.**

### 9:15 – 10:00 Imeldina u l-Imbarazz

Imeldina tħalli l-kamra tagħha mimlija imbarazz. Inti kif tħalli l-kamra tiegħek? Imbagħad ġietha idea… tgħid tgħodd għalik ukoll? Attività mmexxija minn Sandra Hili Vassallo. Etajiet 3-6. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 10:00 Cervantes and Don Quixote in Literature and Culture

Id-**Dipartiment tal-Ispanjol (Università ta' Malta)** u l-**Ambaxxata ta' Spanja f'Malta** flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u SKS, ħa jfakkru l-400 anniversarju mill-mewt ta' Miguel de Cervantes (1616). Il-kelliem ewlieni ser ikun il-Professur John Ardila, espert fuq Cervantes u l-importanza tiegħu fil-letteratura kontemporanja. Il-diskors ser ikun bl-Ingliż. Manwel Abela, għannej popolari, akkumpanjat minn kitarristi ewlenin, se jinterpreta bl-għana siltiet minn *DUN KIXOTT MILL-MANĊA*, li Pawlu Montebello qaleb f'forma poetika mill-oriġinal Spanjol ta' Miguel Cervantes. Ser nassistu wkoll għat-tnedija ta' Żwieġ Qarrieqi (The Deceitful Marriage), 'Rumanz Eżemplari' ta' Cervantes li ġie tradott għall-Malti minn Fiona Sciberras u ppubblikat bl-għajnuna tal-Ambaxxata ta' Spanja fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju. L-E.T. José Pons, l-Ambaxxatur ta' Spanja ser ikun preżenti għall-okkażjoni. **Sala Temi Zammit.**

### 10:00 Ġewż, lewż, qastan, tin…

F'Novembru niċċelebraw San Martin. Tiftakruha din? "Ġewż, lewż, qastan, tin, kemm inħobbu 'l San Martin." Daqstant ieħor inħobbu nqabblu. X'waħda din! F'din l-attività għal tfal bejn is-6 u t-12-il sena, se ssir sessjoni li tiffoka fuq il-kitba kreattiva li titlaq mir-rima. Din l-attività se titmexxa bil-Malti u t-tfal jingħataw borża ta' tifkira. **Stand tal-Għaqda tal-Malti – Università.**

### 10:00 – 12:00 Iltaqa' mal-Awturi

Iffirmar ta' kotba minn diversi awturi ta' kotba għat-tfal fosthom Sandra Hili Vassallo, Leanne Ellul, Clare Azzopardi. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 10:15 – 11:00 Lupettin

Lupettin mhu ħadd ħlief Lupu Lupettu, il-lupu l-aktar maħbub mat-tfal, meta kien iżgħar. Darba waħda sab oġġett fil-ġnien. Tgħid x'inhu? Attività mmexxija minn Clare Azzopardi. Etajiet 3-6. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 10:30 *L-IMPATT li ħallew fuqi*

Midsea Books Ltd | Klabb Kotba Maltin jistiednu lil Dr Anton Grech u Dr Frank Psaila jitkellmu dwar il-ktieb ġdid tagħhom *L-IMPATT li ħallew fuqi*. Numru ta' personalitajiet Maltin jagħżlu persuna jew persuni li nfluwenzawhom. Il-psikjatra Anton Grech janalizza kif l-għażla tagħhom ħalliet impatt fuq ħajjithom u ħidmiethom. Minn politiċi ewlenin, imprendituri u negozjanti, u mexxejja reliġjużi, sa ħassieba, xandara, kittieba, ġurnalisti, sportivi u filosfi. Dan il-ktieb jiftaħ tieqa li minnha nsiru nafu x'kien li sawwar u għaġen lil min illum għandhu impatt dirett fuq kif ngħixu f'pajjiżna. **Activity Area.**

### 11:00 KOTBACALLEJA 'et cetera' – Workshop

Bejn qoxra w qoxra. Udjenza (8-10 snin). Il-binja tal-ktieb mill-bidu nett. X'jagħmel ktieb? X'jitlob id-disinn tal-ktieb? (Numru massimu ta' parteċipanti: 8. *First come first served*). **Kappella Perellos.**

### 11:00 Preżentazzjoni tal-Ktieb

*Mare Rotto* ta' Michele Giardina (Armando Siciliano Editore). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

### 11:30 Preżentazzjoni tal-Ktieb

*Estetica cristiana* ta' Luigi Amato. Kelliema: Giacomo Lo Bue di Lemos u Silvio Aliffi. **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

### 11:15-12:00 Inħobbok!

Żewġ naħat ta' mħabba waħda: L-imħabba ta' omm lejn uliedha, u dik tal-ulied lejn l-omm. Trid tikteb dedika ta' mħabba int ukoll? Attività mmexxija minn Leanne Ellul. Etajiet 3-6. **Stand tal-Merlin Publishers.**

### 16:30 & 18:00 Iċ-Ċerimonja tal-Promoturi tal-Qari

Studenti tat-tieni sena tas-sekondarja (Form 2) jiġu ppremjati tal-impenn tagħhom biex jaqraw jew biex jissaħħu fil-qari jew biex iħeġġu l-qari fost sħabhom. Il-programm qiegħed isir bi sħab bejn l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u d-Dipartiment tal-Kurrikulu tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. **Sala Temi Zammit.**

**16:30 – 18:30 Iltaqa' mal-Awtur**
Iffirmar ta' kotba minn diversi awturi ta' kotba għat-tfal fosthom Noel Tanti, Matt Stroud, Clare Azzopardi u John Bonello. **Stand tal-Merlin Publishers.**

**16:45 – 17:30 Fil-Kamra ta' Jonas**
Ejja ltaqa' ma' Jonas u ntilef fi storja sorprendenti u emozzjonanti. Attività mmexxija minn Noel Tanti u Matt Stroud. Etajiet 7-10. **Stand tal-Merlin Publishers.**

**17:45 – 18:30 Attività Ktieb bl-Istampi**
Attività mmexxija minn Clare Azzopardi, Etajiet 6-9. **Stand tal-Merlin Publishers.**

**18:00 Iltaqa' mal-Pubblikatur**
Salvo Bonfirraro, pubblikatur ta' *I Cavalieri di Malta* ta' Frans Sammut. **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

**18:00 – 20:00 Iltaqa' mal-Awtur**
Iffirmar ta' kotba minn diversi awturi fosthom Leanne Ellul, Clare Azzopardi, John Bonello, Mark Camilleri u Lizzie Eldridge. **Stand tal-Merlin Publishers.**

**19:00 Preżentazzjoni tal-Ktieb**
*Tommaso. L'educazione sentimentale di un giovane* ta' Angelo Fortuna (Armando Siciliano Editore). **Stand tal-Istituto Italiano di Cultura.**

**20:00 It-tnedija ta' *Leħen il-Malti***
F'din is-serata, l-Għaqda tal-Malti – Università se tniedi għadd 35 tar-rivista *Leħen il-Malti*. Waqt it-tnedija se jinqraw siltiet mill-aħjar xogħlijiet f'din l-edizzjoni u wara jkun hemm riċeviment żgħir għal dawk preżenti. **Sala Temi Zammit.**

**Ġurnata iffirmar mal-awturi:** Dr William Zammit jiffirma l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu *Kissing the Gallows;* Rita Saliba tiffirma *Il-Kulur tal-Lellux* (rebbieħ fil-*Konkors ta' Kitba Letteratura għaż-Żgħażagħ 2015*) u Dr Joseph F. Grima jiffirma l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu *The Fleet of the Knights of Malta - Its Organization during the Eighteenth Century*. **Stand ta' BDL Books.**

**Ġurnata tnedijiet:** ma' bosta awturi tal-ktieb *Essays in honour of Joseph Attard Tabone.* **Stand ta' BDL Books.**



# '...et cetera'

'...et cetera' tippreżenta l-arti tal-ktieb magħmul bl-idejn b'riferenza kemm għall-artiġġjanat tradizzjonali kif ukoll dak kontemporanju. Il-wirja tmiss ukoll is-suġġett ta' strutturi emerġenti tal-ktieb u l-interazzjoni bejn il-kotba u l-media diġitali.

It-tema ċentrali tal-wirja hija l-għamla u s-sura tal-ktieb. Ħaġa pertinenti ħafna peress li d-dinja tal-Punent tpoġġi l-ktieb fil-qafal taċ-ċiviltajiet tagħha (il-Bibbja, il-kodiċi legali, eċċ) u ukoll minħabba l-ftuħ ta' possibiltajiet ġodda fil-qasam tal-pubblikazzjoni u materjali ġodda għall-artisti u artiġġjani tal-ktieb li ġabet magħha l-era moderna.



Min iżur il-wirja ser ikun jista' jara u jmiss għadd ta' kotba, oġġetti tal-ktieb, għodda tal-artiġġjanat u materjali. Kull sezzjoni tal-wirja ser ikollha tabella b'test bi-lingwistiku (MT, EN) sabiex jgħin lill-pubbliku japprezza aħjar l-oġġetti murija.

Matul il-festival kollu ser ikun hemm diskussjonijiet, workshop u dimostrazzjonijiet relatati mal-oġġetti fil-wirja. Id-diskussjonijiet ser imissu spettru kbir ta' temi varji – mis-suġġett ta' x'nifhmu bil-kelma 'ktieb' sal-problemi ta' ħolqien ta' kontenut għal ċerti strutturi tal-ktieb bħal 'flag book' jew dos-a-dos.

Il-programm ser jinkludi dimostrazzjonijiet tal-għamla tal-ktieb u l-artiġġjanat li fihom il-pubbliku ser ikollu l-possibilità jsaqsi mistoqsijiet u jitkellem mal-artiġġjani.

L-oġġetti fil-wirja huma kollha propjetà ta' Kotba Calleja jew parti minn proġetti li Kotba Calleja qed iħejji flimkien ma' artiġġjani u artisti oħra. Il-kotba kollha li jidhru fil-wirja huma prodott lokali magħmula bl-idejn.

KOTBA CALLEJA
kotba artigjanali

# Esebituri



## AGIUS & AGIUS Ltd.

Il-librerija ta'Agius & Agius hi waħda mill-iktar negozji antiki tal-kotba li tinstab f'Malta. Il-librerija timporta u tbiegħ mill-ħanut li jinsab il-Ħamrun (Blata l-Bajda). Għand Agius & Agius ssib kotba ta diversi generi għat-tfal u adulti, kotba tal-iskola, kotba għall-revizjoni, u kotba għall-għalliema.

878, St. Joseph High Street, Hamrun
+356 2122 0347
agiusbooks@gmail.com
www.facebook.com/agiusbooks

## Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Il-Komunità Aħmadija Musulmana hija organizzazzjoni umanitarja u reliġjuża internazzjonali b'fergħat f'aktar minn 200 pajjiż. Hija tinkoraġġixxi d-djalogu bejn reliġjonijiet differenti u temmen fil-libertà tar-reliġjon. Hija tħaddan il-prinċipji tal-paċi, tat-tolleranza, tal-imħabba u tar-rispett bejn segwaċi ta' twemmin differenti. Il-motto tagħha huwa: "Imħabba Għal Kulħadd, Mibegħda Għal Ħadd". Il-Komunità Aħmadija hi magħrufa wkoll għas-sehem tagħha attiv fl-għajnuna soċjali u li tgħin lil dawk li huma fil-bżonn, u tinvolvi ruħha f'ħidma karitatevoli u filantropika.

P.O. Box 78, Pieta, PTA1000, Malta
+356 2734 2401 / +356 7932 0139
amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyya.org.mt

## AKKADEMJA TAL-MALTI

"Taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja".

Dar Doreen Micallef, 12, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Il-Belt Valletta VLT 1341
+356 2143 0711 / +356 7959 2231
info@akkademjatalmalti.com
www.akkademjatalmalti.org

## BDL

Għal aktar minn 25 sena, BDL Distribution kien id-distributur ta' pubblikazzjonijiet ewlieni fil-ħwienet tal-kotba u ħwienet oħra f'Malta u Għawdex. BDL Publishing, it-tieni pilastru tal-kumpanija, jispeċjalizza f'kotba ta' kwalità li jvarjaw minn kotba fittizji tat-tfal għal kotba prestiġjużi tal-Melitensia. It-tielet pilastru tal-kumpanija huwa BDL Retail. Il-ħanut ġo San Ġwann jinkludi ġabra estensiva tal-aqwa kotba fejn wieħed jista' jfittex u jixtri direttament minn għażla ta' 'l fuq minn 20,000 titlu/pubblikazzjoni.

13, Giorgio Preca Street, San Ġwann - SĠN3511
+356 2138 0351
info@bdlbooks.com
www.bdlbooks.com

## BOOKENDS

Bookends huwa ħanut ġewwa il-Fgura li jofri kotba godda, bi prezzijiet ferm taħt il-prezzijiet ippubblikati oriġinali tagħhom u bl-għazla kbira ta' kotba ġodda, bi prezzijiet imnaqqsa b'mod drastiku. Bookends kiseb reputazzjoni qawwija gewwa Malta, għall-kotba bargain ġenwini u għall-prezzijiet irħas ħafna.

+356  2180 2272
bookendsf@millermalta.com

## BOOKMARK

L-għan ta' Bookmark hu li jrawwem u jsostni interess u mħabba lejn il-qari minn eta żgħira. Għand Bookmark wieħed isib għażla ta' kotba li jinkludu: rebbieħa ta' premjijiet letterarji; kotba  b'lingwi barranin; riżorsi għall-għalliema; u kotba għall-eta bikrija ħafna. Bookmark joffri għażla lil min jemmen fil-qari mhux biss bħala sors ta' gost u tagħlim. imma fuq kollox bħala mezz ta' edukazzjoni tul il-ħajja.

30, St  John  the Baptist  Street, Sliema
+356 2133 2271 / +356 7925 1787
bookmark@go.net.mt / mrpsaila@go.net.mt

## Bronk Productions Ltd.

Bronk Productions Ltd ghalkemm dejjem assoccjata' mat-teatru u televizjoni, ilha tippubblika kotba mis-sena 2006. Ippubblikat diversi kotba fosthom ricerki, ricetti, drammi kif ukoll rumanzi u novelli. Bronk Productions hi l-pubblikatur ta' Xandru Mizzewweg u Gay rumanz li rebah l-ewwel premju fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2008 (Rumanzi & Novelli Maltin), Hitan bil-Moffa dramm li rebah l-ewwel premju fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2009 (Drammi bil-Malti), Ghasir il-Bniedem dramm li kklassifika fit-tieni post fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2011 (Drammi bil-Malti).

Triq Dun Filippu Borg, B'Kara
+356 2122 3347 / +356 2722 3347
www.facebook.com/Bronk-Productions-128726053973339/

## ĊAK

Iċ-ĊAK (Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni), fi ħdan il-Patrijiet Franġiskani Konventwali, twaqqaf fl-1998 bl-iskop li jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-animazzjoni reliġjuża permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Beda jippubblika diversi fuljetti, rivisti u kotba ta' natura reliġjuża u fl-2005 inkorpora miegħu d-Dar Editriċi Reliġjon u Ħajja li kienet twaqqfet fl-1967 minn Patri Alessandru Bonnici. Id-Dar Editriċi kompliet bil-ħidma fil-qasam tal-kotba reliġjużi u f'dan l-aħħar żmien saret il-pubblikatur uffiċċjali tad-dokumenti l-aktar importanti tal-Knisja u tal-Papiet; dan bi ftehim mal-Konferenza Episkopali Maltija u mal-Libreria Editrice Vaticana. Sa issa ċ-ĊAK ippubblika aktar minn 270 ktieb.

S. Sommier Street, Birkirkara BKR4611
+356 2149 8343
www.cakmalta.org

## Dar tal-Pubblikazzjoni QUM

Id-Dar tal-Pubblikazzjoni QUM hi impenjata biex tforni lill-pubbliku b'letteratura distintivament Riformista, kemm oriġinali kif ukoll tradotta. L-għan hu evanġelistiku sabiex dawk li għadhom nieqsa mill-grazzja tas-salvazzjoni jitgħallmu t-triq li twassal għall-ħajja, kif ukoll sabiex il-Kristjani jissaħħu fil-fidi tagħhom u jimmaturaw aktar bħala dixxipli ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-kotba QUM huma allura maħsuba bħala mezz biex il-miskredenti jitqajjem mill-mewt spiritwali, u l-kredenti jqum min-ngħas jew l-irqad spiritwali tiegħu.

42 Triq Dun Ġwann Theuma Attard Malta
+356 79048186
kotbaqum@gmail.com
www.pubblikazzjoniqum.com

## DEER PUBLICATIONS

Kif iċ-ċerv jilheġ għall-ilmijiet tax-xmajjar, hekk ruħi tilheġ għalik O Alla tiegħi (salm 42). Din id-dar ta' pubblikazzjoni tispeċjalizza f'kotba għat-tfal u għall-kbar b'temi reliġjużi u tradizzjonali. Il-publikazzjoni ewlenija tagħha hija ILWIEN IL-FESTI MALTIN, enċiklopedija fotografika tal-festi tradizzjonali Maltin. It-taqsima tat-tfal ta' DEER tiffoka fuq il-ħajja ta' qaddisin b'illustrazzjonijiet kkuluriti u vividi ta' Nicole Diacono. Andrew Borg hu l-awtur tal-parti l-kbira tal-kotba. Il-materjal fotografiku kollu użat huwa ta' Mark Micallef Perconte.

Cervus, 72A, Triq Doni, ir-Rabat, Malta
+356 9938 5496 / +356 7905 8691
deerandrew@gmail.com
www.facebook.com/Ilwien-il-Festi-Maltin-Colours-of-Maltese-Festas-157112351045107

## EDE BOOKS

Ede Books hija dar tal-pubblikazzjoni Maltija mmexxija minn ZED Creative. Ede toffri servizz komplut fejn tidħol produzzjoni ta' *print runs* żgħar jew medji, konsultazzjoni, editjar, disinn, stampar, distribuzzjoni u promozzjoni, kif ukoll toffri l-pubblikazzjonijiet Ede għall-bejgħ fis-suq internazzjonali mis-sit uffiċjali edebooks.eu. Ede jispeċjalizzaw fil-pubblikazzjoni ta' *art books* – kotba predominament viżivi, sinjuri fil-kontenut u li jiffukaw fuq arkitettura, fotografija, disinn u kultura urbana.

3a, Panorama Flats, Mattew Pulis Street, SLM 3051 Sliema, Malta
+356 2133 4224 / +356 7982 7522
info@edebooks.eu
www.edebooks.eu

## FARAXA Publishing

Imwaqqfa Malta bil-għan ewlieni li jiġu ppubblikati prinċipalment traduzzjonijiet letterarji u mhumiex, FARAXA issa qed tifrex l-għeruq kemm internazzjonalment u permezz ta' ġeneri oħra ta' kitba, bħal per eżempju xogħlijiet akkademiċi u kotba għall-istudent fiction u non-fiction u kotba għat-tfal.

FARAXA rebħet b'xi uħud mill-pubblikazzjonijiet tagħha fil-London Book Festival, Paris Book Festival, kif ukoll fil- Premju Nazzjonali tal-Ktieb fis-sezzjoni tat-Traduzzjoni.

38, Antonio Nani Street, Rabat RBT 3047
+356 9982 0157
info@faraxapublishing.com
www.faraxapublishing.com

## French Embassy / Librairie "La Boucherie" Paris / Biblionef

Librairie "La Boucherie" huwa ħanut tal-kotba ġewwa Pariġi. Ilu miftuħ mill-1996 u jispeċjaliza f'diversi ġeneri ta' kotba. Din ser tkun it-tielet sena konsekuttiva li fiha "La Boucherie" ipparteċipaw fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

Biblionef hija NGO approvata mill-UNESCO, UNICEF u l-Kunsill tal-Ewropa. Biblionef tiddistribwixxi kotba f'aktar minn 66 pajjiż u Dominique Pace hija l-President.

French Embassy, 130 Melita Street, Valletta VLT 1123
+356 2248 0600
www.ambafrance-mt.org

## FRIENDS OF THE NATIONAL ARCHIVES

Il-Ħbieb tal-Arkivji Nazzjonali hija għaqda voluntarja li tiġbor nies ġejjin minn setturi differenti, imma li għandhom ix-xewqa li jkunu involuti fix-xogħol li jagħmlu l-Arkivji Nazzjonali. Il-membri ta' din l-organizzazzjoni jgħinu lill-Arkivista Nazzjonali fil-missjoni tiegħu biex tiġi preservata l-memorja kollettiva tan-nazzjon Malti u biex jitkattar l-għarfien dwar l-arkivji Maltin kemm f'Malta kif ukoll barra.





fnamalta@gmail.com
www.fnamalta.org
www.facebook.com/groups/fnamalta

## Għaqda tal-Malti – Università

L-Għaqda tal-Malti – Università twaqqfet fl-1931 minn Rużar Briffa u Ġużè Bonnici, żewġ studenti tal-Mediċina. Fl-istess sena bdew joħorġu r-rivista Leħen il-Malti, li għadha toħroġ sal-lum. Matul is-snin l-Għaqda tmexxiet mill-Professuri Pietru Pawl Saydon, Ġużè Aquilina, Dun Karm Sant, u Oliver Friggieri. Illum il-ġurnata l-Għaqda hija mmexxija mill-istudenti u taħdem fuq proġetti edukattivi u interdixxiplinarji, speċjalment għaż-żgħażagħ.

Dar l-Istudent, L-Università ta' Malta, Tal-Qroqq
+356 7926 5384
ghaqdatalmalti@gmail.com
www.ghaqdatalmalti.org

## HERITAGE MALTA PUBLISHING

Heritage Malta hija l-agenzija nazzjonali ghall-muzewijiet, il-konservazzjoni u l-patrimonju kulturali. Hija attiva ferm fil-kamp tal-pubblikazzjoni bhala parti mill-isforzi taghha b'risk id-demokratizzazzjoni tal-patrimonju. Il-firxa ta' xoghlijiet ippublikati tinkludi katalgi tal-wirjiet, gabriet ta' studji, kotba ghat-tfal, kotba marbuta ma progetti ta' konservazzjoni u rigenerazzjoni, u studji aktar iffukati. Fil-Harija tal-2015, Hertitage Malta nediet ukoll perjodiku li johrog darbtejn fis-sena.

Ex-Royal Naval Hospital, Triq il-Marina, Bighi, Kalkara KKR 1524, MALTA
publications.heritagemalta@gov.mt
www.heritagemalta.org

## HORIZONS

Horizons hi wahda mid-djar tal-kotba elwenin f'Malta u matul is-snin rebhet ghadd ta' Premji tal-Ktieb tal-Malti f'diversi kategorija tal-kotba. Tippublika numru ta' awturi stabbiliti bhal Mario Azzopardi, Charles Briffa, Lina Brockdorff, Victor Fenech, Charles Flores, Anton Grasso, Albert Marshall,

Gorg Peresso, Giuseppe Schembri Bonaci u Vincent Vella, kif ukoll introduciet numru ta; awturi Zghazagh u promittenti bhal Eman Bonnici, Edgar Formosa, Jacqueline Mizzi, Sergio Grech, Tyrone Grima, Stephen Lughermo, Justin Schembri u André Mangion.

Triq l-Iskultur, Qormi QRM 3580
+356 2144 1604
info@horizons.com.mt
www.horizons.com.mt

## ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA

L-Istituto Italiano di Cultura, li hu anki s-sezzjoni kulturali tal-Ambaxxata tal-Italja f'Malta, twaqqaf fl-1971. L-Istitut huwa simbolu tal-kultura Taljana f'Malta.

L-għanijiet prinċipali istituzzjonali huma t-tixrid tal-arti u l-kultura Taljana u t-tisħiħ tar-rabta bejn iż-żewġ popli. Dawn jitwettqu permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, tal-kooperazzjoni fil-qasam edukattiv u tal-amministrazzjoni ta' librerija fejn il-membri jistgħu jissellfu kotba. L-Istitut jistabbilixxi ukoll kuntatti bejn l-Università u ċentri ta' riċerka u studju f'Malta ma' Universitajiet, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet statali Taljani. L-attivitajiet, li jinkludu taħdidiet, films, wirjiet ta' l-arti, kunċerti, teatru etc, huma miftuħa għal dawk kollha interessati fil-ħajja u fil-kultura Taljana.

Flimkien ma': Edizioni Lussografica – Caltanissetta, Lombardi Editori – Siracusa, Morrone Editore – Siracusa, Cavallotto Editore – Catania, Maimone Editore – Catania, Giuseppe Giudice (EPSIL) - Floridia-Roma, Verba Volant – Siracusa, Bonfirraro Editore - Barrafranca (Enna), Armando Siciliano – Messina, Aulino Editore - Sciacca (Agrigento), Libridine Edizioni - Mazara del Vallo (Trapani), Edizioni Tyke – Siracusa u Angelo Mazzotta Editore - Castelvetrano (Trapani).

Vecchia Cancelleria, St. George's Square, Valletta VLT 1190
+356 2122 1462
iiclavalletta@esteri.it
www.iicvalletta.esteri.it





## KITE GROUP

Il-kreattivita' u d-dinamiżmu huma l-qofol ta' Kite Group li permezz tagħhom tippubblika kotba ta' kwalita' għolja. Kite Group jagħti importanza qawwija lill-komunikazzjoni mal-qarrejja u dawk interessati fil-Melitensia. Għalhekk jorganizza tnedijiet ta' kotba li jiddistingwu ruħhom u li jixirqu lill-awturi u lill-qarrejja. Jiġu organizzati wkoll attivitajiet li permezz tagħhom il-qarrejja jkollhom l-opportunita' li jiltaqgħu mal-awturi. Il-kotba li ġew ippubblikati minn Kite Group jinkludu bijografiji, kotba dwar l-arti u l-kultura, l-arkitettura, il-liġi, l-istorja, kotba akkademiċi, novelli u rumanzi flimkien ma' kotba għat-tfal.

296, Naxxar Road, B'Kara
+356 9993 2592
info@kitegroup.com.mt
www.kitegroup.com.mt

## MALTA LIBRARIES

Libreriji Maltin hija l-entita' li tinkorpora l-Bibljoteka Nazzjonali, il-Librerija Pubblika Ċentrali tal-Furjana u dik t'Għawdex, u l-Libreriji Reġjonali u Fergħat. Il-missjoni ta' Libreriji Maltin hija li tiżgura l-kompilazzjoni u l-konservazzjoni tal-wirt dokumentarju ta' Malta għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, li żżomm u tiżviluppa l-libreriji regolati taħt l-Att dwar il-Libreriji Maltin u li tinkoraġġixxi l-qari għall-istudju, ir-riċerka, l-informazzjoni għall-iżvilupp personali u t-tagħlim tul il-ħajja kollha u għal finijiet ta' rikreazzjoni.

Malta Libraries Head Office, National Library of Malta, 36, Old Treasury Street, Valletta VLT 1410
+356 2124 3297
customercare.nlm@gov.mt / customercare.cpl@gov.mt
www.maltalbraries.gov.mt

## Meli Bookshop

Il-ħwienet tagħna ta'" Meli Bookshop" jinsabu t-tnejn fil-Belt Valletta. L-ewwel ħanut infetaħ fl- 1965 u wara xi żmien infetaħ ieħor. Wieħed jinsab f' numru 52, Triq Santa Luċija, fejn hawnhekk nisspeċjalizzaw f'kotba Melitensia u

rumanzi riċenti bil-Malti u bl-Ingliż. Insibu ukoll kotba għat-tfal, tat-tisjir kif ukoll kotba ġenerali fuq kull suġġet.

Il-ħanut l-ieħor jinsba fi Triq l-Ifran, numru 185. F'din il-librerija nispeċjalizzaw f'letteratura klassika bi prezzijiet speċjali, kif ukoll rumanzi bl-Ingliż, kotba ta' fantaxjenza, fantasija, tal-biża', delitti u ħafna aktar. Bħal fl-istabbiliment l-ieħor issib ukoll kotba tat-tisjir u kotba ġenerali oħra. L-iktar li nisspecializaw, f'dan il-hanut huma kotba fuq kull pajjiiz ghal min ihobB is-safar. Għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ta' din is-sena ħa jkollna kampjuni ta' kotba bl-Ingliż x'tistgħu ssibu fil-ħwienet tagħna.

52, Triq Santa Luċija, Valletta / 185, Triq l-Ifran, Valletta
+356 2123 7266 / +356 9980 3601
transit@onvol.net

## Mellieħa Local Council

IL-MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jgħin lill-awturi jippubblikaw xogħolhom permezz tal-inizjattiva Ħannieqa Kotba Melleħin bil-għan li jippromwovi l-qari man-nies tal-lokal.

Triq il-Madonna ta' Fatima, Il-Mellieħa
+356 2152 1333
customercare.mellieha.lc@gov.mt
www.mellieha.gov.mt

## MERLIN LIBRARY

merlin library
www.merlinlibrary.com

IL-Merlin Library, tal-Blata l-Bajda, huwa l-iktar isem assoċjat ma' kotba għat-tfal f'Malta. L-Akbar ħanut tal-kotba tat-tfal, fih hemm l-aqwa għazla ta' kotba għat-tfal, mill-"picture books" sal-kotba għall-adolexxenti, b'offerti regolari għall-klijenti, skonti speċjali għall-membri tal-Merlin Wizards Club, u organizzazzjoni ta' attivitajiet mingħajr ħlas, fosthom qari lit-tfal, crafts, u laqgħat ma' awturi kemm Maltin u kemm barranin. Filfatt fl-2003 il-Merlin kienet l-ewwel li qatt ġabet Malta awtrici internazzjonali tat-tfal – Lynne Reid Banks – għal serje ta' żjarat fl-iskejjel. Warajha, il-Merlin organizzat ukoll iż-żjarat f'Malta tal-awturi Annie Dalton, Rick Riordan, Jeremy Strong, Vivian French, u Lauren St John.





Mountbatten Street, Blata l-Bajda / Bisazza Street, Sliema
+356 2123 4438
mail@merlinlibrary.com
www.merlinlibrary.com

## Merlin Publishers

merlin publishers

Il-Merlin, mill-bidu tagħha fl-1964 sal-lum żviluppat fl-aktar dar ta' pubblikazzjoni Maltija innovattiva u avventuruża. Il-Merlin għandha lista estensiva ta' letteratura Maltija, u saret l-ewwel dar għall-parti l-kbira tal-awturi stabbiliti Maltin kif ukoll dejjem tilqa' u tagħti l-opportunità lil awturi emerġenti.

Il-Merlin Publishers rebħet bosta drabi l-Premju tal-Aqwa Dar ta' Pubblikazzjoni u dejjem kienet minn tal-ewwel bl-introduzzjoni u esperimentazzjoni ta' stili ġodda ta' produzzjoni, disinn u marketing.

Kotba Merlin ġew esibiti fil-Fieri tal-Ktieb ta' Frankfurt, Londra u Bologna.
42, Mountbatten Street, Blata l-Bajda HMR1574 MALTA
+356 2124 6472
info@merlinpublishers.com
www.merlinpublishers.com

## Midsea Books Ltd | Klabb Kotba Maltin

midsea BOOKS LTD

Midsea Books Ltd huma meqjusa fost il-pubblikaturi ewlenin f'Malta. Id-dar tal-pubblikazzjoni twaqqfet minn Pawlu Mizzi. Minbarra Midsea Books, hemm ukoll il-Klabb Kotba Maltin, Klabb Kotba Maltin | tfal u Heritage Books li kollha jippubblikaw ġeneri differenti ta' kotba.

Matul dawn l-aħħar 45 sena, il-Midsea Books u l-kumpaniji l-oħra saru sinonimu ma' kotba ta' kwalità bil-Malti jew dwar Malta. Bosta mill-kotba ppubblikati huma rebbieħa ta' premijiet jew gew imsemmija fi premijiet letterarji kemm Malta kif ukoll barra.

68 Carmelites  Street, Sta Venera / 6 Strait Street, Valletta
+356 2149 7046 / +356 2123 9039
admin@midseabooks.com
www.midseabooks.com

## MILLER DISTRIBUTORS LTD

Miller Distributors Ltd – Miller Distributors huwa l-importatur u distributur ewlieni ta' kotba gewwa Malta u Ghawdex. Nirraprezentaw numru kbir pubblikaturi barranin kuf ukoll pubblikaturi lokali, fil-livelli kollha tal-pubblikazjoniet, minn kotba ghat-tfal ghall kotba ta' l-Universita. Nipprovdu kotba ghal hwienet lokali ta' firxa wiesgha u noffru servizz u support b'saħħtu il-dawn il-hwienet.

+356 2166 4488
info@millermalta.com
www.millermalta.com

## PANDORA

Pandora huma distributuri u bejjiegħa ta' prodotti varji tat-tfal inkluz varjeta ta' kotba. Apparti li nbiegħu kotba mill-ħwienet, ssibna wkoll f'diversi attivitajiet kulturali li jigu organizzati f'diversi lokalitajiet madwar Malta fejn l-għan tagħna jkun li ninkoraġġixxu l-qari billi nbiegħu kotba, specjalment għat-tfal. Aħna nikkunsidraw il-but ta' kulħadd u nippruvaw nżommu prezzijiet baxxi. Infatti ħafna mill-kotba tagħna jiswew €3 jew inqas.

Roger Debattista str., Hamrun
+356 9966 7522 / +356 2735 6080 / +356 2749 1946
markcassar@gmail.com

## SKS PUBLISHERS

SKS Publishers hija d-Dar tal-Pubblikazzjoni tal-Partit Laburista. Twaqqfet fl-1982 bil-għan li teduka għall-bidla.Kienet x'kienet is-sura tal-kotba tagħha, matul is-snin dejjem rat kif tħajjar il-qlub tal-qarrejja tagħha biex iħaddnu ideat ġodda, kif teduka 'l moħħhom fit-trawwim ta' attitudnijiet li jħarsu 'l quddiem, u kif tkabbar viżjonijiet li jħeġġu l-bidla fis-soċjetà.

SKS hija speċjalizzat f'għamliet ta' kitbiet li, għalkemm ftit, ifissru ħafna, bħal-letteratura, it-teorija politika, l-istorja tad-demokrazija liberali, ħwejjeġ kurrenti, biografiji, u l-kultura.

Ċentru Nazzjonali Laburista, Ħamrun
+356 2124 9900
skspublishers@gmail.com

## UPTREND PUBLISHING

UPTREND Publishing bdiet fl-1990 u l-ewwel pubblikazzjoni taghha kienet f'Marzu 1992.

Il-pubblikazzjonijiet ewlelin huma 'The mAZe Street Atlas' u s-serje ghat- tfal bil-Malti u bl-Ingliz: 'Milly, Molly'.

UPTREND ippubblikat tmien edizzjonijiet tal-'MAZE' li minnu mbieghu 'l fuq minn 42,000 kopja. Fis-serje ta' Milly, Molly hargu 32 ktieb.

Il-pubblikazzjonijiet UPTREND huma ta' diversi awturi, fosthom Frans A. Attard, Charles Casha, Patri Wistin Attard OFMCap, Elio Lombardi, Sharon A. Sammut u Anthony Sultana.

Triq Dun Karm, Birkirkara BKR 9039
+356 2148 7955 / +356 9920 8510
uptrend@onvol.net / info@uptrend-malta.com
www.millymolly.net



Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2016 | **Esebituri**

## ĦINIJIET TAL-FTUĦ

| | | | |
|---|---|---|---|
| **L-Erbgħa** | 09:00 – 13:00 | u | 17:30 – 21:30 |
| **Il-Ħamis** | 09:00 – 13:00 | u | 17:30 – 21:30 |
| **Il-Ġimgħa** | 09:00 – 13:00 | u | 17:30 – 22:00 |
| **Is-Sibt** | 09:30 – 22:30 | | |
| **Il-Ħadd** | 08:30 – 21:30 | | |

## LISTA TA' PARTEĊIPANTI

AGIUS & AGIUS Ltd. • AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA • AKKADEMJA TAL-MALTI • BDL • BOOKENDS • BOOKMARK • BRONK PRODUCTIONS LTD • ĊAK • DAR TAL-PUBBLIKAZZJONI QUM • DEER PUBLICATIONS • EDE BOOKS • FARAXA PUBLISHING • FRENCH EMBASSY / LIBRAIRIE "LA BOUCHERIE" PARIS / BIBLIONEF • FRIENDS OF THE NATIONAL ARCHIVES • GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ • HERITAGE MALTA PUBLISHING • HORIZONS • ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA • KITE GROUP • MALTA LIBRARIES • MELI BOOKSHOP • MELLIEĦA LOCAL COUNCIL • MERLIN LIBRARY • MERLIN PUBLISHERS • MIDSEA BOOKS LTD | KLABB KOTBA MALTIN • MILLER DISTRIBUTORS LTD • PANDORA • SKS PUBLISHERS • UPTREND PUBLISHING

Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2016

www.ktieb.org.mt

MALTA BOOK FESTIVAL

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL